**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**
**vs**
**Glenn Buhagiar**

**Illum 27 ta' Settembru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Glenn Buhagiar, numru tal-karta tal-identita' 620781M.

Akkuzata talli fit-22 ta' Frar 2018 u fil-granet ta' qabel, fil-hanut bl-isem ta' *Glance*, li jinsab Triq il-Wied, Hal Qormi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew is-sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh, jew tal-prodott ta' industrija, jew xjentement, ghamel uzu ta' dawn l-ismijiet, marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin, ukoll jekk minn haddiehor, minghajr il-kunsens tas-sid; jew

2. Ghamel uzu, xjentement, ta' marka, sinjal, tabella jew emblema li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew biegh merkanzija, b'din il-marka, sinjal jew emblema; jew

3. Xjentement qieghed fic-cirkulazzjoni, biegh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq;

4. Bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qasam oggetti li kellhom fuqhom jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak;

5. Bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-propjetarju, kellu fil-pussess, kustodja jew kontroll tieghu fil-kors ta' xi negozju xi oggetti bhal dawk bil-ghan li int jew persuna ohra taghmel xi haga li tkun reat taht il-paragrafu (b) tal-Artikolu 72(1) tal-Kapitolu 416 l-Att dwar it-*Trademarks*, Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbilit mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat bil-gurament l-akkuzi fil-konfront tal-imputat fis-seduta datata 27 ta' Settembru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti esebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, il-fedina penali tal-imputat, stqarrija rilaxxata mill-imputat u l-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet ix-xhieda ta' PC 1356 Rene' Fenech li pprezenta lista ta' hwejjeg maqbuda mmarkata bhala Dok RF1.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, il-fedina penali tal-imputat li ma hiex wahda kbira, tikkonsisti biss f'kontravenzjoni wahda li saret hafna snin ilu u li semghet il-konferma tal-prosekuzzjoni li l-imputat ikkopera mall-ewwel fl-investigazzjonijiet tal-Pulizija.

Wara li semghet l-ammissjoni cara u inekwivoka tal-imputat, ghalhekk din il-Qorti ma kelliex ghalfejn tahli izjed hin sabiex tigbor il-provi.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 298(1)(a), (c) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 72(1) tal-Kapitolu 416 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati fuq ammissjoni tieghu stess u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tillibera lill-imputat b'dan li ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tliet (3) mil-lum.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lil hati Glenn Buhagiar fi kliem semplici l-portata tas-sentenza moghtija ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti qeghda tordna l-konfiska u d-destruzzjoni tal-affarijiet immarkati fil-lista Dok RF1 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Vera kopja**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**